**MALTA**
**TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA**
**MAGISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**

**26 ta' Novembru 2020**

**Rikors Numru 21/2020**

**Joseph Chircop**

**Vs**

**Awtorita` tad-Djar**

**It-Tribunal,**

Ra r-rikors ta' **Joseph Chircop** ipprezentat fil-25 ta' Frar 2020 li permezz tieghu ppremetta s-segwenti:-

*"1. Illi l-esponenti permezz t'ittra ufficjali datata 11 ta' Dicembru 2019 bin-numru 4909/19 liema ittra ufficjali giet indirizzata lill-Okkupanti, Spiteri Court, Block A, Flat 19, Triq Port ir-Ruman, Qawra l-esponenti gie mitlub mill-Awtorita' intimata sabiex fi zmien 30 jum min-notifika tal-ittra ufficjali huwa jizgombra mill-fond de quo u dan peress li skont l-istess Awtorita' intimata qed jokkupa l-fond minghajr ebda titolu validu fil-ligi;*

*2. Illi l-esponenti permezz ta' skrittura ta' lokazzjoni datata 3 t'April 2014 iffirmata minnu bhala l-inkwilin u Romina Fenech in rapprezentanza tal-Awtorita' tad-Djar l-esponenti nghata b'titolu ta' kera l-fond Spiteri Court, Block A, Apartment 19, Triq Port ir-Ruman, Qawra u dan skont il-ftehim ta' lokazzjoni hawn anness u mmarkata bhala Dok 'A';*

*3. Illi l-istess fond inghata b'titolu ta' kera ghal zmien sena liema perjodu gie debitament mgedded u ghal kera ta' mija u tnejn u sittin Euro (€162) li l-esponenti jhallas kull tliet (3) xhur;*

*4. Illi peress li l-esponenti qed jokkupa l-istess fond b'titolu ta' kera ghalhekk it-talba tal-Awtorita' intimata hija infondata kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt;*

*5. Illi l-esponenti hass ruhu aggravat minn din id-decizjoni tal-Awtorita' tal-Artijiet u ghalhekk kellu jintavola dan l-umli appell ai termini tal-Artikolu 12 tal-Kap 573 tal-Ligijiet ta' Malta*

*6. Illi l-aggravju tal-esponenti huwa car u manifest u jikkonsisti:*

*7. Illi l-Ewwel Aggravju tal-esponenti huwa dwar il-fatt illi l-ittra ufficjali mibghuta mill-Awtorita' tad-Djar datata 11 ta' Dicembru 2019 bin-numru 4909/19 hija wahda nulla u minghajr effett u dan peress illi hija indirizzata lill-"Okkupanti". Illi kif jidher car mill-iskrittura ta' lokazzjoni, l-esponenti jokkupa l-fond Spiteri Court, Block A, Flat 19, Triq Port ir-Ruman, Qawra b'titolu ta' lokazzjoni li gie koncess lilu mill-Awtorita' intimata. Illi l-Artikolu 11 tal-Kap 573 tal-Ligijiet ta' Malta jispecifika "Meta l-identita' tal-izgumbrat ma tkunx maghrufa" u filfatt jispecifika illi:*
*"Meta l-identita' tal-izgumbrat ma tkunx maghrufa, l-ittra ufficjali ghandha tigi indirizzata lill-'okkupant' u dik l-ittra ghandha titqies li tkun giet notifikata galadarba din titwahhal fuq l-art in kwistjoni mill-ufficjal tal-Qorti"*

*8. Illi ghalhekk jidher car u manifest illi galadarba l-Awtorita' intimata kienet hija stess li kkoncediet b'titolu ta' lokazzjoni l-fond Spiteri Court, Block A, Flat 19, Triq Port ir-Ruman, Qawra ghalhekk huwa ovvju illi l-Awtorita' intimata filfatt kienet ben a konoxxenza illi l-istess fond huwa okkupat mill-esponenti u ghalhekk isegwi illi l-istess ittra ufficjali kellha tigi indirizzata lill-inkwilin ossia Joseph Chircop u mhux lill-Okkupanti bhal li kieku xi persuna mhux maghrufa mill-Awtorita';*

*9. Illi ghalhekk l-Awtorita' intimata kellha tindirizza t-talba taghha lill-esponenti Joseph Chircop bhala l-persuna li hija ben a konoxxenza li qed jokkupa l-fond Spiteri Court, Block A, Flat 19, Triq Port ir-Ruman, Qawra;*

*10. Illi t-Tieni Aggravju jitratta dwar il-fatt illi l-istess Awtorita' intimata qed titlob l-izgumbrament tal-esponenti ai termini tal-Artikolu 9 (1) (a) tal-Kap 573 tal-Ligijiet ta' Malta ossia "tkun okkupata minn dik il-persuna minghajr ebda titolu validu fil-ligi";*

*11. Illi kif jidher mill-iskrittura hawn annessa u mmarkata bhala Dok 'A' l-esponenti effettivament ghandu titolu validu fil-Ligi moghti lilu mill-istess Awtorita' intimata u cioe' titolu ta' kera. Illi ghalhekk it-talba tal-Awtorita' ghall-izgumbrament ai termini tal-Artikolu 9 (1) (a) tal-Kap 573 hija wahda skorretta kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt u dan peress illi t-titolu ta' lokazzjoni gie moghti lill-esponenti mill-istess Awtorita' intimata;*

*12. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, mhux biss l-Awtorita' tad-Djar taf illi l-esponenti ghandu jokkupa l-fond de quo b'titolu ta' kera izda l-Awtorita' tad-Djar hija kontradittorja fl-ghemil taghha meta permezz tal-ittra ufficjali bin-numru 4909/19 datata 11 ta' Dicembru 2019 qed titlob l-izgumbrament tal-esponenti peress li ma ghandux titolu validu fil-ligi u fl-istess hin qed taccetta l-kera dovuta mill-esponenti fl-ammont ta' mija tnejn u sittin Euro (€162) ghal perjodu ta' 03/10/2019 sa 02/01/2020 u dan kif jidher mill-ircevuta hawn annessa u mmarkata bhala Dok 'B';*

*13. Illi galadarba l-Awtorita' tad-Djar stess irrikonoxxiet lill-esponenti bhala l-inkwilin billi accettat il-kera dovuta mill-esponenti ghal perjodu 03/10/2019 sa 02/01/2020, hija ma tistax fl-istess perjodu titlob l-izgumbrament tal-esponenti a bazi illi l-esponenti "ma ghandux titolu validu fil-ligi".*

*14. Salv Aggravji ulterjuri.*

*GHALDAQSTANT, u in vista tas-suespost, l-esponenti umilment jitlob li dan it-Tribunal joghgbu:*

*1. Jiddikjara illi l-ittra ufficjali datata 11 ta' Dicembru 2019 bin-numru 4909/19 hija wahda nulla u minghajr effett u dan peress illi l-esponenti mhux persuna mhux maghrufa li qed jokkupa l-fond Spiteri Court, Block A, Flat 19, Triq Port ir-Ruman, Qawra;*

*2. Jiddikjara illi d-decizjoni tal-Awtorita' tad-Djar permezz tal-ittra ufficjali datata 11 ta' Dicembru 2019 bin-numru 4909/19 ghall-izgumbrament tal-esponenti ghandha tigi mhassra ghar-ragunijiet hawn fuq indikati u dan stante illi hija wahda minghajr bazi legali;*

*3. Tordna kull provvediment iehor li dan l-Onorabbli Tribunal jidhirlu xieraq u opportun fic-cirkostanzi."*

Ra r-risposta **tal-Awtorita` tad-Djar** datata 2 ta' Marzu 2020 li permezz taghha eccepiet is-segwenti:-

"

1. *Illi it-talbiet attrici huma infondacti fil-fatt u fid-dritt;*

2. *Illi intant ir-rikorrent qed jokkupa il-fond minghajr titolu validu. Il-kuntratt ta' kiri gie firmat fis-sena 2014. Issa fid-29 ta' Ottubru 2015 il-kuntratt gie estiz ghal tlett snin sat-3 ta' April 2018. Qatt ma sar kuntratt iehor u ghalhekk ir-rikorrent ma ghandux titolu biex isostni l-okkupazzjoni. Ghal kull buon fini peress li ir-rikorrent hallas ammont iehor wara li spiccat il-kirja, l-intimati zammewh sat-2 ta' Lulju 2019 liema zmien ta' okkupazzjoni gie kopert bil-hlas. Issa li skada dak iz-zmien ir-rikorrent jigi li qed jokkupa minghajr titolu validu fil-ligi. U b' hekk miinhabba f' hekk ir-rikorrent ghandu jizgombra mill-fond de quo.*

3. *Illi dwar l-ewwel aggravju kien hemm zewg ittri ufficjali mibghuta mill-Awtorita tad-Djar, wahda indirizzata lir-rikorrent Joseph Chircop li kien l-ahhar inkwilin fil-fond de quo kif ukoll ohra indirizzata lil kull okkupant injot li lilu l-istess Joseph Chircop ghogbu jghaddi il-fond de quo. Ghalhekk ma hemm ebda nullita' tal-ittra ufficjali tal-11 ta' Dicembru 2019. Issa jekk dik l-ittra kienet indirizzata lill-okkupant allura il-partijiet jistghu bi qbil jibdlu l-okkju jekk ir-rikorrent qed jghid li issa ma hemm ebda okkupant iehor.*

4. *Illi intant minn diversi investigazzjonijiet li saru mill-Awtorita' tad-Djar irrizulta li ir-rikorrent ma kienx qed jokkupa l-fond Spiteri Court Block A, Flat 19, Triq il-Port Ruman, Qawra, u li minfloku, il-fond kien qed jigi okkupat minn haddiehor. U dan bi ksur tal-kondizzjoni numru 12 tal-kuntratt datat 3 ta' April 2014.* ***Dok A mar-rikors promotorju.*** *Ghalhekk wahda mir-ragunijiet ghall-izgumbrament hi dik tal-ksur tal-kondizzjonijiet tal-kuntratt;*

5. *Illi permezz ta' ittra datata 18 ta' Ottubru 2019 (**Dok 1**) l-Awtorita tad-Djar infurmat lir-rikorrent li ma kenitx ser iggedidlu il-kirja wara it-2 ta' Jannar 2020, u dan a bazi tal- klawsola 27 tal-kuntratt immarkat bhala DOK A*

6. *Illi permezz ta' ittra sussegwenti datata 29 ta' Ottubru 2019* **Dok 2**, *l-Awtorita' talbet lir-rikorrent jirritorna ic-cwievet tal-fond minnufih u dan minhabba li minn investigazjonijiet li saru hu ma kienx qed jokkupa l-post.*

7. *Illi il-kirja giet ukoll terminata permezz tall-ittra datata 15 ta' Novembru 2019.* ***Dok 3.***

8. *Illi l-Awtorita tad-Djar qeghda ukoll ittemm il-kirja anke a bazi tal-Klawsoli 27 u 28 tall-istess kuntratt.*

9. *Illi intant il-kirja tista tigi terminata minn kull parti f' kull waqt basta jinghata tlett xhur zmien u dan kif jirrizulta minn Klawsola 25 tal-Kuntratt."*

Sema' x-xhieda;

Ra d-dokumenti kollha pprezentati;

Sema' t-trattazzjoni tal-partijiet;

Ra li r-rikors thalla ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidra:**

Illi r-rikorrent hassu aggravat b'decizjoni tal-Awtorita` intimata kif kontenuta f'ittra ufficjali datata 11 ta' Dicembru 2019 bin-numru 4909/19 indirizzata "lill-Okkupant" li permezz taghha l-Awtorita` intimata talbet lir-rikorrent jizgombra mill-fond Spiteri Court, Block A, Flat 19, Triq il-Port Ruman, Qawra fi zmien tletin (30) gurnata min-notifika tal-istess ittra u dan stante li kien qieghed jokkopa l-imsemmi fond **minghajr ebda titolu validu fil-ligi**.[1]

Illi mill-provi mressqa jirrizulta s-segwenti:

1. Illi permezz ta' ftehim datat 3 ta' April 2014, l-Awtorita` intimata ikkoncediet b'titolu ta' kiri l-fond in kwistjoni favur ir-rikorrent;[2]
2. Illi t-terminu tal-istess kirja kien ta' sena (1), u cioe` sal-2015, liema perjodu seta' jigi mgedded ghal perjodu ulterjuri ta' tliet (3) snin sal-2024 a diskrezzjoni tal-Awtorita` intimata;
3. Illi l-hlas tal-kera kien sussidjat abbazi ta' tabella li tidher fl-istess ftehim, liema sussidju huwa bazat fuq l-introjtu tal-kerrej;
4. Illi fid-29 ta' Ottubru 2015 il-kuntratt gie estiz ghal tliet (3) snin ohra, u *cioe*` sal-2018;

[1] Esebita a fol. 40
[2] Dok A a fol. 4

5. Peress li r-rikorrent kien hallas ammont wara li spiccat il-kirja fl-2018, l-Awtorita` intimata ikkoncedietlu li jibqa' jokkupah sat-2 ta' Lulju 2019[3];
6. Permezz ta' ittra datata 18 ta' Ottubru 2019 l-Awtorita` intimata gharrfet lir-rikorrent li ma kienx behsiebha ggedded il-kirja wara t-2 ta' Jannar 2020;[4]
7. Permezz ta' ittra datata 29 ta' Ottubru 2019 l-Awtorita` intimata infurmat lir-rikorrent li minn investigazzjoni li ghamlet irrizultalha li huwa mhux qed jokkupa l-fond in kwistjoni u ghalhekk intalab sabiex jirritorna c-cwievet minnufih,[5] liema talba giet ripetuta permezz ta' ittra datata 15 ta' Novembru 2019;[6]
8. Fil-11 ta' Dicembru 2019 l-Awtorita` intimata ipprezentat zewg ittri ufficjali bl-istess kontenut, u *cioe`* talba ghal zgumbrament, wahda indirizzata lir-rikorrent u l-ohra lill-Okkupant;

Ir-rikorrent ipproduca lil martu **Antoinette Chircop**, li huwa separat minnha, bhala xhud li xehdet illi r-rikorrent ghamel xi perjodu rikoverat l-Isptar Mater Dei u l-Isptar Monte Karmeli. Mistoqsija meta kien dan il-perjodu ix-xhud qalet li kien bejn wiehed u iehor fl-2014. Tispjega li wara li ghamel zmien twil rikoverat, it-tifel taghhom, li llum ghandu sitta u ghoxrin sena, kien mar jghix mieghu biex jiehu hsiebu.

**Dr. Joseph Spiteri**, konsulent psikjatriku gewwa l-Isptar Monte Karmeli, spjega illi r-rikorrent ilu pazjent tieghu ghal diversi snin. Spjega wkoll illi r-rikorrent sofra forma ta' *stroke* u fil-fatt ghamel zmien twil gewwa l-Isptar. Pero` mill-2017 ' l hawn ir-rikorrent kien *on leave* mill-Isptar li jfisser li ma kienx residenti gewwa l-Isptar pero` kien imur ghal vizti regolari.

**Gratian Francica,** *inspector* mal-Awtorita` intimata, spjega li fl-2017 saru diversi spezzjonijiet pero` hadd ma kien fethilhom, anke jekk gieli rrispondihom xi hadd minn wara l-bieb. Pero`, waqt spezzjoni fl-24 ta' Mejju 2018 huwa sab lil Aidan Chircop fil-fond in kwistjoni. Fi tlett (3) spezzjonijiet f'Jannar 2019 huwa qatt ma sab lir-rikorrent fil-fond in kwistjoni, pero` l-girien infurmah li l-fond kien qieghed jigi okkupat minn Aidan Chircop, it-tfajla tieghu u t-tfal taghhom, filwaqt li r-rikorrent kien qieghed jghix il-Belt Valletta. Jispjega illi f'zewg spezzjonijiet f'Lulju 2019 deher li l-fond mhux qieghed jintuza peress li fi tmint (8) ijiem kien hemm konsum minimu ta' ilma.

**Ikkunsidra :**

[3] Ara l-ewwel paragrafu tar-Risposta a fol. 18
[4] A fol. 20
[5] A fol. 21
[6] A fol. 22

Illi r-raguni wahdenija ghall-izgumbrament tar-rikorrent imsemmija fl-ittra ufficjali impunjata hija dik li huwa qieghed **jokkupa l-fond in kwistjoni minghajr titolu validu fil-ligi.** Huwa veru li fl-ewwel paragrafu tal-ittra in dizamina jissemmew b'mod vag ragunijiet ohra, pero` dawn certament ma jiffurmawx ir-raguni ghall-izgumbrament ghaliex altrimenti jekk ir-raguni kienet bazata fuqhom, l-istess dicitura riedet tkun iktar specifika milli hi.

Illi permezz tal-**ewwel aggravju** tieghu ir-rikorrent isostni illi l-ittra ufficjali *de quo* hija nulla peress li hija ndirizzata lill-« Okkupant » u dan meta l-Awtorita` intimata kient taf bic-car min kien l-inkwilin tal-fond in kwistjoni.

**Dr. Bryony Balzia Bartolo**, in rapprezentanza tal-Awtorita` intimata, spjegat illi l-istess Awtorita` ipprezentat erba'(4) ittri ufficjali b'kollox fir-rigward tal-fond in kwistjoni li kollha kellhom l-istess kontenut ghajr li tnejn minnhom kienu indirizzati fi triq differenti peress li l-blokka fejn jinsab l-appartament in kwistjoni taghti fuq zewg toroq differenti. Tispjega li zewg ittri ufficjali gew indirizzati « lill-Okkupant » u zewg ittri ufficjali ohra gew indirizzati lir-rikorrent, pero` dejjem bl-istess kontenut. Illi mill-atti jirrizulta illi l-ittra ufficjali datata 11 ta' Dicembru 2019 indirizzata lir-rikorrent qatt ma giet notifikata lilu[7], mentri l-ittra ufficjali indirizzata « lill-Okkupant » datata wkoll 11 ta' Dicembru 2019 giet imwahhla mal-fond *de quo* fil-11 ta' Frar 2020.[8]

Illi jirrizulta li kien wara li twahhlet l-ittra ufficjali indirizzata « lill-Okkupant » mal-fond in kwistjoni li r-rikorrent ha azzjoni biex jintavola dawn il-proceduri. Illi peress li l-Awtorita` intimata kellha suspett ragjonevoli li fil-fond kienu qed jghixu terzi persuni, allura dan it-Tribunal ma jsib li ghamlet l-ebda irregolarita` li ndirizzat l-ittra ufficjali wkoll « lill-Okkupant », apparti lir-rikorrent. Jirrizulta car illi l-Awtorita` intimata imxiet b'mod parallel bl-ittri ufficjali intavolati u ghalhekk mhux il-kaz li l-Awtorita` indirizzat it-talba taghha biss « lill-Okkupant » meta kienet taf bejn tajjeb min kien il-kerrej. Li r-rikorrent intavola appell abbazi tal-ittra ufficjali indirizzata « lill-Okkupant » kienet ghazla tieghu u ta' dan zgur ma tahtix l-Awtorita` intimata li fiz-zmien meta gie intavolat dan l-appell kienet ghadha qieghda tipprova tinnotifika lir-rikorrent bl-ittra ufficjali indirizzata lilu personalment. Ghaldaqstant dan l-aggravju qieghed jigi michud.

Illi permezz tat-**tieni aggravju** ir-rikorrent jishaq illi d-decizjoni tal-Awtorita` intimata hija nulla ghaliex fil-fatt ir-rikorrent ghandu titolu fil-ligi.

L-Awtorita` intimata torbot it-talba taghha mal-fatt illi l-kuntratt li kellu r-rikorrent maghha skada u ghaldaqstant illum il-gurnata ma jistghax jibqa' jokkupa l-istess fond stante li ma jista' jivvanta l-ebda titolu validu fil-ligi.

[7] Esebita a fol. 100 sa 103
[8] Esebita a fol. 98 sa 99

Illi fil-mori gew sottomessi numru ta' provi dwar persuni, u *cioe`* t-tifel tar-rikorrent, li qieghed jew kien jghix fil-fond mar-rikorrenti. Di piu`, iz-zewg partijiet ressqu numru ta' provi dwar ghala t-tifel tar-rikorrent kien qieghed jghix fil-fond in kwistjoni, dwar numru ta' rapporti li kellha l-Awtorita` dwar tkissir, storbju u hmieg fil-komun allegatament kommessi mit-tifel tar-rikorrent. Pero`, it-Tribunal jirrileva illi dawn huma materji li ma jincidux fuq jekk ir-rikorrent ghandux titolu validu fil-ligi jew le biex jokkupa l-fond in kwistjoni.

Ghalhekk dak li se jezamina dan it-Tribunal huwa limitat ghal dak li gie koncess u miftiehem bejn l-Awtorita` intimata u r-rikorrent.

Kif gie stabbilit iktar 'il fuq, ir-rikorrent inghata titolu ta' kirja mill-Awtorita` intimata f'April tal-2014 ghal perjodu ta' sena (1), li seta' jigi mgedded ghal tliet (3) snin ulterjuri fid-diskrezzjoni assoluta tal-Awtorita` intimata u skont il-*policies* tal-istess Awtorita`. Wara li skada l-perjodu ta' sena (1), jirrizulta illi l-Awtorita` intimata accettat hlasijiet ulterjuri ta' kera sat-2 ta' Jannar 2020, pero` permezz ta' ittra datata 18 ta' Ottubru 2019 infurmat lir-rikorrent li ma kinitx l-intenzjoni taghha li ggeddidlu l-kirja wara t-2 ta' Jannar 2020.

Madankollu, gara illi fid-29 ta' Ottubru 2019, l-Awtorita` infurmat lir-rikorrent illi peress li rrizultalha li ma kienx qieghed jokkupa l-fond in kwistjoni, huwa kellu jizgombra mill-fond minnufih.[9] Illi pero`, it-Tribunal josserva illi, *dato ma non concesso,* illi r-rikorrent ma kienx qieghed jghix fil-fond in kwistjoni, dan il-fatt lilll-Awtorita` intimata ma rrizultalhiex bejn l-ittra tat-18 ta' Ottubru 2019 u l-ittra tad-29 ta' Ottubru 2019, izda *semmai* ferm qabel.[10]

Illi kwindi dak li jrid jigi deciz huwa jekk in vista li l-Awtorita` intimata kienet ikkoncediet lir-rikorrent ikompli jokkupa l-fond sat-2 ta' Jannar 2020, setghetx fil-11 ta' Dicembru 2019 tipprocedi b'ittra ufficjali ghall-izgumbrament tieghu abbazi li ma kellux titolu validu fil-ligi allacjata mal-fatt illi hija ghazlet, kif ghandha kull dritt taghmel, li ma ggeddidlux il-kirja.

Illi l-kwistjoni dwar in-nuqqas ta' titolu ma tistghax tigi allacjata mal-fatt li r-rikorrent allegatament ma kienx qieghed jabita fil-fond in kwistjoni. Dawn huma zewg ragunijiet separati u distinti minn xulxin. Li kieku riedet, l-Awtorita` intimata setghet taghtihom it-tnejn bhala raguni ghat-talba ta' zgumbrament. Pero` hija ghazlet li torbot id-decizjoni tal-izgumbrament biss man-nuqqas ta' titolu tar-rikorrent.

[9] Dokument 3 a fol. 21
[10] Ara r-rapporti ta' spezzjoni minn fol. 65 sa 79

Illi kif inghad iktar 'il fuq, kienet l-Awtorita` nnifisha li kkoncediet lir-rikorrent ikompli fil-kirja **<u>sat-2 ta' Jannar 2020</u>** u kwindi ma setghetx fil-11 ta' Dicembru 2019 tintimah biex jizgombra ghaliex ma kellux titolu validu fil-ligi, ghaliex fil-verita` dak it-titolu kienet ikkonceditulu hi stess.

Illi jista' jkun li llum il-gurnata li l-posizzjoni tal-partijiet inbidlet, pero` dak li jrid jezamina dan it-Tribunal huwa jekk fil-gurnata li l-Awtorita` intimata hadet id-decizjoni taghha li tinterpella lir-rikorrent permezz tal-ittra ufficjali tal-11 ta' Dicembru 2019 kellhiex bazi legali biex taghmel dan. Illi fl-opinjoni ta' dan it-Tribunal, id-decizjoni tal-Awtorita` intimata ma kellhiex bazi legali u ghaldaqstant dan it-Tribunal se jannullaha.

Illi dan it-Tribunal jaghmilha cara illi din id-decizjoni hija limitata ghall-effetti tal-ittra ufficjali Numru 4909/19 u ghalhekk minghajr pregudizzju ghal kwalunkwe azzjoni li l-Awtorita` intimata jista' jkollha fil-konfront tar-rikorrent innifsu jew fil-konfront ta' terzi.

**DECIDE**

Ghaldaqstant it-Tribunal, ghar-ragunijiet hawn fuq esposti u fit-termini hawn fuq enuncjati, qieghed jilqa' l-appell tar-rikorrenti u jichad r-risposta tal-Awtorita` intimata u ghaldaqstant jiddikjara illi l-ittra ufficjali numru 4909/19 li kopja taghha tinsab esebita bhala Dokument A a fol. 40 tal-process bhala wahda nulla u minghajr effett fil-konfront tar-rikorrenti.

Bl-ispejjez kontra l-Awtorita` intimata.

_________________________

**Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva**

____________

**Diane Gatt**
**Deputat Registratur**